# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Novembru, 2001 .

## Citazzjoni numru : 82/01G1(PC)

**Emanuel Cini u s-socjeta' Caruana and Cini Developments Limited .**

**Vs**

**Vincent u Rita konjugi Zammit .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi huma f'diversi okkazjonijiet ghaddew lill-konvenuti somom varji ta' flus ammontanti b'kollox ghal erbgha u ghoxrin elf tlett mija u tmintax-il lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm24,318.98) u dan skond ir-rendikont hawn anness bhala dok A .**

**Illi dawn il-flus kellhom jigu restitwiti lura lill-atturi fi ftit jiem jew fi flus jew fi proprjeta' .**

**Illi minkejja li ghaddew diversi xhur il-konvenuti baqghu ma hallsux l-istess debitu u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet anki permezz ta' ittra ufficjali ;**

**Illi fil-fehma ta' l-atturi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'iqanqlu ghat-talbiet li qed isirulhom u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh .**

**Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili .**

**2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-atturi fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf tlett mija u tmintax-il lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm24,318.98) ;**

**3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi din is-somma flimkien ma' l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija b'effett mid-data ta' kull pagament sad-data tal-hlas relattiv .**

**Il-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Awissu 2001 u tal-mandat ta' qbid u sekwestru pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Manwel Cini .**

**Rat ukoll l-affidavit ta' l-istess Emanuel Cini esebit bhala dokument A, mac-citazzjoni, kif ukoll id-dokument B, li huwa elenku tal-pagamenti illi l-istess atturi jghidu illi ghamlu lill-konvenuti .**

**Rat ir-riferta pozittiva ta' l-istess konvenuti, illi ggib id-data tad-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed,**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-konvenut Vincent Zammit .**

**Il-Qorti, billi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara l-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-atturi fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf tlett mija u tmintax-il lira maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm24,318.98c) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi din is-somma flimkien ma' l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) b'effett mid-data ta' kull pagament, u dana kif jirrizulta mid-dokument B, anness mac-citazzjoni, sad-data tal-hlas effettiv .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Awissu, 2001, u l-mandat ta' qbid u sekwestru pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza, kollox kontra l-istess konvenuti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S8201Pc(524)